MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 663/1996/1

**Karl Camilleri**

**Vs**

**Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur Karl Camilleri kien importa kelb tar-razza, British Bulldog, liema kelb kien immedjatament tqieghed taht kwarantina taht il-kura u l-kutodja tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd, hekk kif wasal Malta;

Premess illi matul il-perjodu tal-kwarantina u waqt li kien fil-kura u l-kustodja tad-Dipartiment fuq imsemmi, il-kelb irrizulta nieqes u baqa' ma nstabx;

Premess illi l-attur sofra danni li ghalihom huwa responsabbli d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd, minhabba negligenza da parti ta' l-istess Dipartiment;

Premess illi d-Dipartiment interpellat ufficjalment biex jaghmel tajjeb ghad-danni baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd huwa unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opra ta' perit nominand;

3. Tikkundanna lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd thallas id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-12 ta' Jannar 1996, u bl-imghax relattiv sal-pagament effettiv kontra d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd dejjem jiehu l-kawteli u l-mizuri kollha necessarji fil-kura u l-kustodja ta' l-annimali li jinzammu fil-kwarantina;

2. Illi fil-kaz in dizamina d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd ma kien bl-ebda mod negligenti fil-kura u l-kustodja tal-kelb tar-razza British Bulldog;

3. Illi ghalhekk it-talbiet ta’ l-attur kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stanteli d-Dipartiment ma kienx bl-ebda mod responsabbli ghall-allegazzjonijiet ta’ l-attur;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Direttur tad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura u Sajd u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Settembru 1996 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur importa f'Malta kelb tar-razza maghruf bhala British Bulldog. Dan ingieb f'Malta mill-Ingilterra flimkien ma' zewg "*bitch puppies*" ohra ta' l-istess razza. Ara *Invoice* a fol 54. Fit-termini tar-regolamenti mal-wasla taghhom dawn il-klieb iddahhlu fil-kwarantina li minnha hu responsabbli d-direttur tas-servizzi veterinarji fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd. Minn hemm insteraq il-kelb identifikat mill-attur (fol.30) bhala ta' lewn kannella car bil-faxxi suwed;

Irrizulta li dan il-kelb kien qed jinzamm f'*kennel* go kamra bil-bieb tal-hgieg li ma jistax johrog minnu (deposizzjoni ta' Dr. Carmel Vella, fol. 38-39). Minn dak rakkontat mill-*watchman* Joseph Cutajar (fol. 42) dan il-bieb ma kellux serratura pero` mieghu kien jitqieghed cangun li jzomm il-bieb maghluq;

Jirrizulta wkoll illi l-access ghall-kwarantina huwa minn *gate* unika maghluqa normalment b'katnazz. L-gheluq taghha jiehu hsiebha l-*watchman*. (Ara xhieda ta' l-

imsemmi Dr. Carmel Vella, fol. 37). Dakinhar li okkorra s-serq tal-kelb dan il-*gate* jew kancell ma kienx imsakkar peress illi, kif koncess mill-imsemmi Joseph Cutajar (fol. 43), ma kellux cavetta tal-katnazz. Minflok ghamel speci ta' sokor permezz ta' hadida li b'danakollu setghet tinfetah esternament;

Jinghad ukoll li f'dak iz-zmien is-sigar fl-area tal-kwarantina kienu folti hafna u l-uniku dawl kien dak fuq il-kamra tal-*watchman*. Kien biss wara li sehh il-fatt li s-sigar inzabru u gie ameljorat id-dawl, oltre li ccekknet l-*quarantine area*. Ara xhieda ta' Joseph Cutajar (fol. 45);

Jirrizulta wkoll illi dakinhar li avverrat is-serqa kien jum l-ewwel tas-sena, "b'hafna rih u xita", u fil-kamra ghal xi hin oltre l-*watchman* kien hemm martu u ibnu li hadulu l-ikel. Intqal ukoll mill-*watchman* illi huma ma jigux provduti b'*raincoats* ghall-uzu f'kaz ta' xita u lanqas *torch* biex jissorvelja ahjar fuq barra waqt ir-ronda tieghu. Jinghad li *records* ta' min jidhol fil-kwarantina ma jinzammux;

Jidher li fil-kaz iddahhlet il-Pulizija u anke saret investigazzjoni nterna li r-rizultat taghha intbaghat lil Public Service Commission ghall-stharrig ulterjuri;

Issa ma ghandux ikun dubitat illi l-kelb *de quo* kien qed jinzamm b'depozitu ghand il-konvenut ghal perjodu tal-kwarantina. U allura dan kellu l-obbligu li jikkustodih u jroddu lura (Artikolu 1891 tal-Kodici Civili). Obbligu li jiehu hsiebu daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu (Artikolu 1899 tal-Kapitolu 16). Jekk dan ma jaghmlux u ma jkunx f'qaghda li jirrestitwixxi l-annimal fdat ghandu jkollu jwiegeb ghat-telf tieghu;

Minn dan jidher li l-oneru tal-prova hu mixhut fuq il-konvenut li jrid jipprova li ha kura tal-kelb fdat lilu bid-diligenza tal-*bonus paterfamilias*. Dan ghaliex f'kazijiet bhal dawn l-unika prova li jehtieg jaghmel l-attur hi dik li hu sofra l-hsara. Mentri l-kawza tal-hsara tinkombi lill-konvenut;

F'dan il-kaz l-attur ghandu favurih l-ammissjoni tal-konvenut li l-kelb depozitat ghandu u taht il-kontroll tieghu gie derubat. Biex allura l-konvenut jezonera ruhu mill-htija dwar il-konservazzjoni tieghu jrid jipprova dak prevvist fl-Artikolu 1901 tal-Kodici Civili u cioe` il-prova tal-kaz fortuwitu. Fi kliem iehor irid jiddimostra li s-serqa tal-kelb mhux biss kienet imprevedibbli izda wkoll inevitabbli (**Vol. XXIV P I p 172: "Azzopardi -vs- Arcivocich et"**);

Hi gurisprudenza accettata illi "s-serq ghandu jkun ekwiparat ghal kaz fortuwitu u ghalhekk ghandu jsofrih il-proprjetarju ta' oggett misruq Dan, ammenokke ma jkunx hemm xi htija ta' min kien depozitarju ta' dak l-oggett li titfa l-htija fuqu ta' dak il-kaz fortuwitu." (**Vol. XXXII P I p 532: "Bianco -vs- Ciantar**);

Dan ghaliex il-kaz fortuwitu ma jehlisx mir-responsabilita` tad-dannu jekk jkun precedut minn htija ta' min ikkagunah (**Vol. XXX P III p 142: "Bezzina -vs- Grech et"**);

Ghall-Qorti l-fattezzi f'dan il-kaz jinducuha ghar-rizultat illi s-serq in kwistjoni seta' gie evitat b'daqsxejn diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

Jirrizulta li dakinhar ta' l-incident tas-serqa, ir-rixtellu ma kienx imsakkar kif b'dover kien mistenni li jkun. Minn wettaq is-serqa ippenetra fil-post bla sforzi ta' xejn gjaladarba s-sokor b'bicca hadida ma kellu l-ebda effett. Anke jekk l-area tal-kwarantina kienet "mghassa" dan ma sewa ghal xejn ghax ir-reat xorta sar, anke jekk min kien responsabbli mis-sorveljanza dakinhar ghandu l-attenwanti fil-fatt tan-nuqqas ta' provvista ta' dawl adegwat, l-istat folt tas-sigar, ix-xita qawwija u fatturi ohra bhan-nuqqas ta' incirata jew *torch* ghall-uzu f'dawk ic-cirkostanzi partikolari;

Quddiem dan kollu ma jistax ikun dubitat illi l-konvenut naqas li jiddizempenja ruhu li jipprova l-event tal-kaz fortuwitu jew li s-serqa kienet inevitabbli. La ma rnexxielux jaghmel dan irid iwiegeb ghan-nuqqas rizultanti minn negligenza tieghu (**Vol. L P III p 602: "Bartolo -vs- Dalli"**);

Effettivament lanqas ma jista' l-konvenut jiskolpa ruhu billi jghid li l-htija kienet ta' l-impjegat tieghu. Kif jinsab insenjat "*il depositario, l-albergatore, il conduttore di un fondo e simili rispondono sempre di fronte all' altro contraente del danno cagionatogli anche per colpa di persone per cui essi devono rispondere. In tutti questi casi il risarcimento nasce non dal delitto o dal quasi delitto dell'autore del danno, ma dal contratto che rimase inadempiuto o altrimenti violato*." - "**Capitano Joseph L Muscat nomine -vs- Giuseppe Mizzi noe et**", Appell Kummercjali, 7 ta' Marzu 1930 a **Vol. XXVII P I p 873**);

L-ammont mitlub bhala dannu, konfermat mill-*Invoice*, kien ta' elf u mitejn lira sterlina (£1200) ghal kull kelb, korrispondenti ghal sitt mija u disgha u disghin lira u disghin centezmu (Lm699.90) skond ir-rata tal-kambju ta' dak iz-zmien. Ara deposizzjoni tax-xhud Henry Vassallo (fol. 33). Dan l-ammont ma giex kontestat.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tirrigetta l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tiddikjarah responsabbli ghad-danni subiti mill-attur minhabba serq tal-kelb tar-razza British Bulldog mill-kwarantina fejn kien ghandu kkustodit;

Tilqa' t-Tieni Domanda u tillikwida d-danni subiti mill-attur fis-somma ta' sitt mija disgha u disghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm699.90);

Tilqa' t-Tielet Talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------